Nru. 740

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-Awtorità ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetajiet li ġejjin, jigifieri:–

Il-Forn ta' Blackley fi Triq id-Duluri k/m it-Telgħa ta' Guardamangia u Villa Kington, it-Telgħa ta' Guardamangia k/m Triq Blackley, Pietà

(ara l-pjanta f'paġna7,736) jistgħu jkunu ta' valur industrijali u arkitettoniku hekk li għandhom jkunu nklużi fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetajiet imsemmija jinsabu fil-periklu li jiġu demoliti, danneġġati jew distrutti.

L-Awtorità qiegħda b'hekk tohroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetajiet imsemmija hawn fuq, skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-Forn ta' Blackley u Villa Kington, għandhom jitqiesu bħala proprjetajiet ta' Grad 2, skond il-*Policy UCO 7* tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valuri storiċi u arkitettoniċi tagħhom.

(ii) L-ebda żvilupp ma jista' jsir fl-ebda parti ta' l-imsemmija proprjetajiet.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetajiet imsemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien ta' 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetajiet jiġu demoliti jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jahseb għal pieni horox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Id-19 ta' Novembru, 1996

No. 740

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act 1992

The Planning Authority believes that the following properties, namely

Blackley Bakery, Our Lady of Sorrows Street c/w Guardamangia Hill and Villa Kington, Guardamangia Hill c/w Blackley Street, Pietà

(see site plan on page7,736) could be of value due to their architectural merits and industrial significance such that they should be listed as Scheduled Properties in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the aforementioned properties are in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above properties in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The Blackley Bakery and Villa Kington are to be considered as Grade 2 scheduled properties as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of their architectural and historic value.


(ii) No development will be permitted to any part of the aforementioned properties.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above properties, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this Order.

If the properties are demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement. as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

19th November, 1996



PLANNING AUTHORITY

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E54396, N71979 Max E548191, N724441

Title :-

Emergency Conservation Order: Pieta'

Villa Kington, Triq id-Duluri Pieta'

Blackley's Bakery, Triq id-Duluri, Pieta'

Ref No. :- **GF 627/96**

Form No. :- MU003